**Dispożittiv**

*Negozjant li jindirizza r-reklamar tiegħu lejn membri tal-pubbliku residenti fi Stat Membru speċifiku u li joħloq jew ipoġġi għad-dispożizzjoni tagħhom sistema ta' kunsinna jew metodu ta' ħlas speċifiċi, jew jippermetti li terz jagħmel dan, u għalhekk iqiegħed lill-imsemmija membri tal-pubbliku f'pożizzjoni li jistgħu jirċievu kunsinna ta' riproduzzjonijiet ta' xogħlijiet protetti minn drittijiet tal-awtur f'dak l-istess Stat Membru, joħloq, fl-Istat Membru fejn isseħħ il-kunsinna, "distribuzzjoni lill-pubbliku" fis-sens tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Mejju 2001, dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerti aspetti ta' drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-soċjetà tal-informazzjoni.*

*L-Artikoli 34 TFUE u 36 TFUE għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn ma jipprekludux lil Stat Membru milli jagixxi kontra persuna fuq akkuża ta' kompliċità fid-distribuzzjoni mingħajr awtorizzazzjoni ta' xogħlijiet protetti minn drittijiet tal-awtur skont id-dritt kriminali nazzjonali fil-każ fejn riproduzzjonijiet ta' dawn ix-xogħlijiet jiġu ddistribwiti lill-pubbliku fit-territorju ta' dak l-Istat Membru fil-kuntest ta' bejgħ, immirat speċifikament lejn il-pubbliku tal-imsemmi Stat, konkluż fi Stat Membru ieħor fejn dawn ix-xogħlijiet ma humiex protetti mid-drittijiet tal-awtur jew fejn il-protezzjoni li jibbenefikaw minnha ma tistax tiġi invokata b'mod utli kontra terzi.*

[1] ĠU C 103, 02.04.2011

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) tal-21 ta' Ġunju 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Verwaltungsgerichtshof — L-Awstrija) — Leopold Sommer vs Landesgeschäftsstelle des Arbeitsmarktservice Wien**

**(Kawża C-15/11)** [1]

***(Adeżjoni ta' Stati Membri ġodda — Repubblika tal-Bulgarija — Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tissuġġetta l-għoti ta' permess ta' xogħol għaċ-ċittadini Bulgari għal eżami tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol — Direttiva 2004/114/KE — Kundizzjonijiet ta' ammissjoni taċ-ċittadini ta' pajjiż terz għal skopijiet ta' studju, skambju ta' studenti, taħriġ bla ħlas jew servizz volontarju)***

(2012/C 250/06)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Verwaltungsgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Leopold Sommer

*Konvenut:* Landesgeschäftsstelle des Arbeitsmarktservice Wien

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Verwaltungsgerichtshof — Interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE, tat-13 ta' Diċembru 2004, dwar il-kondizzjonijiet ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal skopijiet ta' studju, skambju ta' studenti, taħriġ bla ħlas jew servizz volontarju (ĠU L 153M, p. 330) u, b'mod partikolari, tal-Artikolu 17 tagħha, kif ukoll tal-punt 14 tal-Anness VI tal-lista msemmija fl-Artikolu 20 tal-Protokoll dwar il-kondizzjonijiet u l-arranġamenti għall-ammissjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija fl-Unjoni Ewropea (ĠU 2005 L 157, p. 104) — Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tissuġġetta l-għoti ta' permess ta' xogħol lil ċittadini Bulgari għal eżami tas-sitwazzjoni tas-suq tax-xogħol — Applikazzjoni eventwali tad-Direttiva 2004/114/KE

**Dispożittiv**

(1) *Il-punt 1(14) tal-Anness VI tal-Protokoll dwar il-kondizzjonijiet u l-arranġamenti għall-ammissjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq tax-xogħol tal-istudenti Bulgari, fil-mument tal-fatti fil-kawża prinċipali, ma jistgħux ikunu iktar restrittivi minn dawk stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2004/114/KE, tat-13 ta' Diċembru 2004, dwar il-kondizzjonijiet ta' ammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għal skopijiet ta' studju, skambju ta' studenti, taħriġ bla ħlas jew servizz volontarju.*

(2) *Leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tirriżerva għaċ-ċittadini Bulgari trattament iktar restrittiv minn dak mogħti liċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi skont id-Direttiva 2004/114.*

[1] ĠU C 113, 09.04.2011.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-21 ta' Ġunju 2012 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Supremo — Spanja) — Asociación Nacional de Grandes Empresas de Distribución (ANGED) vs Federación de Asociaciones Sindicales (FASGA), Federación de Trabajadores Independientes de Comercio (Fetico), Federación Estatal de Trabajadores de Comercio, Hostelería, Turismo y Juego de UGT, Federación de Comercio, Hostelería y Turismo de CC.OO.**

**(Kawża C-78/11)** [1]

***("Direttiva 2003/88/KE — Organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol — Dritt għal-leave annwali mħallas — Leave tal-mard — Leave annwali li jikkoinċidi ma' leave tal-mard — Dritt għall-benefiċċju tal-leave annwali mħallas f'perijodu ieħor")***

(2012/C 250/07)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Supremo

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Asociación Nacional de Grandes Empresas de Distribución (ANGED)

*Konvenuti:* Federación de Asociaciones Sindicales (FASGA), Federación de Trabajadores Independientes de Comercio (Fetico), Federaciòn Estatal de Trabajadores de Comercio, Hostelería, Turismo y Juego de UGT, Federaciòn de Comercio, Hostelería y Turismo de CC.OO.

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Tribunal Supremo — Interpretazzjoni tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 381) — Diżabbiltà temporanja li sseħħet f'daqqa matul il-perijodu ta' leave — Leġiżlazzjoni nazzjonali li ma tippermettix l-interruzzjoni tal-perijodu ta' leave annwali u li dan il-perijodu ta' leave jitkompla iktar tard, kollu kemm hu jew għall-perijodu li jifdal

**Dispożittiv**

*L-Artikolu 7(1) tad-Direttiva 2003/88/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-4 ta' Novembru 2003, li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi dispożizzjonijiet nazzjonali li jistabbilixxu li ħaddiem, li l-inkapaċità tiegħu li jaħdem isseħħ matul il-perijodu ta' leave annwali mħallas, ma għandux dritt li jibbenefika sussegwentement mill-imsemmi leave annwali li jikkoinċidi mal-perijodu ta' inkapaċità għax-xogħol.*

[1] ĠU C 152, 21.05.2011.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-21 ta' Ġunju 2012 (talbiet għal deċiżjoni preliminari tal-Baranya Megyei Bíróság, Jász-Nagykun-Szolnok Megyei Bíróság — l-Ungerija) — Mahagében Kft vs Nemzeti Adó- és Vámhivatal Dél-dunántúli Regionális Adó Főigazgatósága (C-80/11), Péter Dávid vs Nemzeti Adó- és Vámhivatal Észak-alföldi Regionális Adó Főigazgatósága (C-142/11)**

**(Kawżi magħquda C-80/11 u C-142/11)** [1]

***(Tassazzjoni — VAT — Sitt Direttiva — Direttiva 2006/112/KE — Dritt għal tnaqqis — Kundizzjonijiet għall-eżerċizzju — Artikolu 273 — Miżuri nazzjonali sabiex tiġi miġġielda l-frodi — Prassi tal-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali — Rifjut tad-dritt għal tnaqqis f'każ ta' aġir irregolari ta' min joħroġ il-fattura relattiva għall-beni jew għas-servizzi li għalihom huwa mitlub l-eżerċizzju ta' dan id-dritt — Oneru tal-prova — Obbligu tal-persuna taxxabbli li tiżgura ruħha mill-aġir regolari ta' min joħroġ din il-fattura u li tagħti prova tiegħu)***

(2012/C 250/08)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Qorti tar-rinviju**

Baranya Megyei Bíróság, Jász-Nagykun-Szolnok Megyei Bíróság

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Mahagében Kft (C-80/11), Péter Dávid (C-142/11)

*Konvenuti:* Nemzeti Adó- és Vámhivatal Dél-dunántúli Regionális Adó Főigazgatósága (C-80/11), Nemzeti Adó- és Vámhivatal Észak-alföldi Regionális Adó Főigazgatósága (C-142/11)

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Baranya Megyei Bíróság — Interpretazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1) — Kundizzjonijiet għall-eżerċizzju tad-dritt għal tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa skont il-prassi tal-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali — Obbligu tal-persuna taxxabbli li tagħti prova tat-twettiq effettiv tat-tranżazzjoni li tinsab fil-fattura u l-aġir regolari tal-kumpannija li toħroġ il-fattura

**Dispożittiv**

(1) *L-Artikoli 167, 168(a), 178(a), l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 220 u l-Artikolu 226 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu prassi nazzjonali li, permezz tagħha, l-awtorità tat-taxxa tirrifjuta lil persuna taxxabbli d-dritt li mill-ammont tat-taxxa fuq il-valur miżjud li hija għandha tħallas, jitnaqqas l-ammont tat-taxxa dovuta jew imħallsa għas-servizzi li jkunu ġew ipprovduti lilha, minħabba li min joħroġ il-fattura relattiva għal dawn is-servizzi, jew wieħed mill-fornituri tiegħu, wettaq xi irregolaritajiet, mingħajr ma l-awtorità tistabbilixxi, fid-dawl ta' elementi oġġettivi, li l-persuna taxxabbli kkonċernata kienet taf, jew kellha tkun taf, li t-tranżazzjoni invokata sabiex id-dritt għal tnaqqis ikollu bażi, kienet involuta fi frodi mwettqa mill-imsemmija persuna li toħroġ il-fattura jew minn operatur ieħor li jintervjeni iktar kmieni fil-katina ta' distribuzzjoni.*

(2) *L-Artikoli 167, 168(a), 178(a), u 273 tad-Direttiva 2006/112 għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jipprekludu prassi nazzjonali li, permezz tagħha, l-awtorità tat-taxxa tirrifjuta d-dritt għal tnaqqis minħabba li l-persuna taxxabbli ma żguratx ruħha li min ħareġ il-fattura relattiva għall-beni li fir-rigward tagħhom huwa mitlub l-eżerċizzju tad-dritt għal tnaqqis kellu l-kwalità ta' persuna taxxabbli, li huwa kellu l-beni inkwistjoni u kien kapaċi jikkunsinnahom u li huwa kien issodisfa l-obbligi tiegħu ta' dikjarazzjoni u ta' ħlas tat-taxxa fuq il-valur miżjud, jew minħabba li l-imsemmija persuna taxxabbli ma għandhiex, minbarra l-imsemmija fattura, dokumenti oħra ta' natura li juru li l-imsemmija ċirkustanzi kienu jeżistu kollha, minkejja li l-kundizzjonijiet materjali u formali previsti bid-Direttiva 2006/112 għall-eżerċizzju tad-dritt għal tnaqqis jeżistu kollha u li l-persuna taxxabbli ma kellha ebda indizji li jiġġustifikaw li wieħed jissuspetta fl-eżistenza ta' irregolaritajiet jew ta' frodi min-naħa tal-imsemmija persuna li toħroġ il-fattura.*

[1] ĠU C 179, 18.06.2011.